Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 105/19**
il-Lussemburgu, 5 ta' Settembru 2019

**Stampa u Informazzjoni**

Sentenza fil-Kawża C-417/18
AW *et* vs Lietuvos valstybė irrappreżentat mil-Lietuvos Respublikos ryšių reguliavimo tarnyba, mill-Bendrasis pagalbos centras u mil-Lietuvos Respublikos vidaus reikalų ministerija

# L-impriżi ta' telekomunikazzjoni għandhom jittrażmettu bla ħlas lill-awtorità li tittratta s-sejħiet ta' emerġenza "112" l-informazzjoni li tippermetti li tiġi stabbilita l-pożizzjoni ta' min iċempel

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan l-obbligu jiġi implimentat minkejja li t-telefon ċellulari ma jkunx fih kard SIM*

AW *et* huma qraba ta' ES, żagħżugħa ta' 17-il sena, vittma ta' att kriminali. Fil-21 ta' Settembru 2013, madwar is-sitta ta' filgħodu, f'subborg ta' Panevėžys (il-Litwanja), ES inħatfet, ġiet stuprata u nħarqet ħajja fil-kompartiment tal-bagalji ta' karozza. Peress li kienet magħluqa ġewwa, hija kienet sejħet, bl-użu ta' telefon ċellulari, in-numru uniku Ewropew għal sejħa ta' emerġenza "112", madwar tnax-il darba, sabiex titlob l-għajnuna. Madankollu, l-apparat taċ-ċentru li jirċievi telefonati ta' emerġenza ma kienx juri n-numru tat-telefon ċellulari użat, li pprekluda lill-impjegati ta' dan iċ-ċentru milli jistabbilixxu l-pożizzjoni tagħha. Ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat jekk it-telefon ċellulari użat minn ES kienx fih kard SIM u lanqas għalfejn in-numru tagħha ma kienx viżibbli fiċ-ċentru li jirċievi telefonati ta' emerġenza.

AW *et* ippreżentaw rikors quddiem il-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Vilnjus, il-Litwanja) intiż għall-kundanna tal-Istat Litwan għall-kumpens għad-dannu morali mġarrab mill-vittma, ES, u minnhom stess. Insostenn tar-rikors tagħhom, huma jsostnu li l-Litwanja ma żguratx b'mod korrett l-implimentazzjoni prattika tad-Direttiva Servizz Universali[1] li tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi ta' telekomunikazzjonijiet għandhom jittrażmettu bla ħlas lill-awtorità li tittratta s-sejħiet ta' emerġenza "112" l-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel hekk kif is-sejħa tasal għand l-imsemmija awtorità[2]. Din ir-regola tapplika għas-sejħiet kollha għan-numru uniku Ewropew għal sejħa ta' emerġenza "112". Din l-ommissjoni kellha bħala riżultat l-impossibbiltà li tiġi trażmessa lis-servizzi ta' pulizija fil-post informazzjoni tal-post fejn kienet tinsab ES, li waqqfithom milli jmorru jgħinuha.

Il-Vilniaus apygardos administracinis teismas titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-direttiva timponix fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw tali tqegħid għad-dispożizzjoni minkejja li s-sejħa tkun saret minn telefon ċellulari li ma jkunx fih kard SIM u jekk l-Istati Membri għandhomx marġni ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-kriterji relatati mal-preċiżjoni u mal-affidabbiltà tal-informazzjoni tal-post fejn jinsab min iċempel il-"112" li tippermettilhom jillimitaw dawn il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-istazzjoni bażi li jkun ittrażmetta s-sejħa.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li mill-formulazzjoni tad-direttiva jirriżulta li l-obbligu ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel jirrigwarda s-"sejħiet kollha għan-numru uniku Ewropew". Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li d-direttiva, fil-verżjoni oriġinali tagħha, kienet timponi fuq l-Istati Membri, fil-limiti

[1] Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU 2002, L 105, p. 5), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 10).
[2] Artikolu 26(5).

tal-possibbiltajiet tekniċi, obbligu ta' riżultat, li ma huwiex limitat għall-implimentazzjoni ta' qafas leġiżlattiv xieraq, iżda jeżiġi li l-informazzjoni dwar il-post fejn ikun jinsab kull min iċempel il-"112" tiġi effettivament trażmessa lis-servizzi ta' emerġenza. Għaldaqstant, is-sejħiet għall-"112" minn telefon ċellulari li ma jkunx fih kard SIM ma jistgħux jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li **d-direttiva timponi fuq l-Istati Membri, fil-limiti tal-possibbiltajiet tekniċi, l-obbligu li jiżguraw li l-impriżi kkonċernati jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità li tittratta s-sejħiet ta' emerġenza lill-"112" mingħajr ħlas, l-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel, hekk kif is-sejħa tasal għand l-imsemmija awtorità, anki jekk is-sejħa tkun saret minn telefon ċellulari li ma fihx kard SIM.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata sussegwentement li għalkemm l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-kriterji relatati mal-preċiżjoni u mal-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel il-112, dawn il-kriterji għandhom, fi kwalunkwe każ, jiżguraw, fil-limiti tal-possibbiltajiet tekniċi, l-istabbiliment tal-pożizzjoni ta' min iċempel b'mod affidabbli u preċiż daqs kemm ikun neċessarju sabiex is-servizzi ta' emerġenza jkunu jistgħu jagħtuh l-għajnuna b'mod utli. **Il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri fid-definizzjoni ta' dawn il-kriterji jsib għalhekk il-limitu tiegħu fil-ħtieġa li tiġi żgurata l-utilità tal-informazzjoni trażmessa għall-istabbiliment effettiv tal-post fejn jinsab min iċempel u, għaldaqstant, l-intervent tas-servizzi ta' emerġenza.** Peress li tali evalwazzjoni hija ta' natura teknika ħafna u hija marbuta mill-qrib mal-ispeċifiċitajiet tan-netwerk ta' telekomunikazzjoni mobbli Litwan, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tagħmilha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li fost il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà ta' Stat Membru għal dannu kkawżat lill-individwi minn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu, tinsab dik tal-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur ta' dan id-dritt u d-dannu mġarrab minn dawn l-individwi ta' din il-kategorija ta' danni. Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-kumpens għad-danni ma jistgħux ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw talbiet simili ta' natura interna.

Konsegwentement, **meta, konformement mad-dritt intern ta' Stat Membru, l-eżistenza ta' rabta kawżali indiretta bejn l-illegalità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u d-dannu mġarrab minn individwu hija suffiċjenti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat, tali rabta kawżali indiretta bejn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil dan l-Istat Membru u d-dannu mġarrab minn individwu għandha wkoll tkun suffiċjenti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-imsemmi Stat Membru għal dan il-ksur tad-dritt tal-Unjoni.**

---

---

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema identika.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*